

Brussell, 13 ta' Marzu 2018
(OR. en)

6948/18

INST 100
POLGEN 26
PE 37

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li tiffissa l-perijodu għad-disa' elezzjoni tar-rappreżentanti għall-Parlament Ewropew b'vot dirett universali
	– Approvazzjoni
	– Konsultazzjoni tal-Parlament Ewropew

1. Skont l-Artikolu 11(2), l-ewwel subparagrafu, tal-Att li jikkonċerna l-elezzjoni tal-membri tal-Parlament Ewropew b'vot dirett universali tal-20 ta' Settembru 1976 ("l-Att Elettorali")¹, l-elezzjonijiet tal-2019 għall-Parlament Ewropew għandhom isiru mis-6 sad-9 ta' Ġunju 2019. Madankollu, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 11(2) tal-Att Elettorali, jekk jirriżulta impossibbli li jsiru l-elezzjonijiet matul dak il-perijodu, il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'mod unanimu, wara li jikkonsulta lill-Parlament Ewropew, għandu jiddetermina, mill-anqas sena qabel tmien il-mandat ta' ħames snin, perijodu elettorali ieħor li m'għandux ikun aktar minn xahrejn qabel jew xahar wara l-perijodu normalment applikabbli.

¹ ĠU L 278, 8.10.1976, p. 5; emendat l-aħħar bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/772/KE, Euratom (ĠU L 283, 21.10.2002, p. 1).

2. Fuq talba ta' delegazzjoni waħda, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Affarijiet Ġenerali ddiskuta waqt diversi laqgħat il-kwistjoni tad-dati tal-elezzjonijiet tal-2019 għall-Parlament Ewropew. Wara dawk id-diskussjonijiet, id-delegazzjonijiet qablu li kien ser ikun impossibbli li l-elezzjoni tal-Parlament Ewropew li jmiss issir matul id-dati normalment applikabbli u qablu li, billi għad trid issir il-konsultazzjoni tal-Parlament Ewropew, l-elezzjoni ssir fil-perijodu bejn it-23 u s-26 ta' Mejju 2019.
3. L-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill li tiffissa l-perijodu għad-disa' elezzjoni tar-rappreżentanti għall-Parlament Ewropew b'vot dirett universali mit-23 sas-26 ta' Mejju 2019 tinsab fl-Anness għal din in-nota.
4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden:
 - a) japprova l-abbozz ta' Deċiżjoni li tinsab fl-Anness għal din in-nota;
 - b) jissuġġerixxi lill-Kunsill biex jiddeċiedi li jikkonsulta lill-Parlament Ewropew.

Abbozz ta'

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL Nru .../2018/UE, Euratom

ta' [...]

**li tiffissa l-perijodu għad-disa' elezzjoni tar-rappreżentanti għall-Parlament Ewropew b'vot
dirett universali**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Att tal-20 ta' Settembru tal-1976 li jikkonċerna l-elezzjoni tar-rappreżentanti tal-Parlament Ewropew b'vot dirett universali², u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 11(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew³,

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni 78/639/Euratom, KEFA, KEE tal-25 ta' Lulju 1978 li tiffissa l-perijodu għall-ewwel elezzjoni tar-rappreżentanti tal-Parlament Ewropew b'vot dirett universali⁴, il-Kunsill iffissa l-perijodu għal din l-ewwel elezzjoni mis-7 sal-10 ta' Ġunju 1979.

(2) Jirriżulta li huwa impossibbli li d-disa' elezzjoni ssir matul il-perijodu korrispondenti tal-2019.

(3) Għaldaqstant għandu jiġi ddeterminat perijodu elettorali ieħor.

² ĠU L 278, 8.10.1976, p. 1.

³ Għandha tizzied ir-referenza.

⁴ ĠU L 205, 29.7.1978, p. 75.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-perijodu msemmi fl-Artikolu 10(1) tal-Att tal-20 ta' Settembru 1976 li jikkonċerna l-elezzjoni tar-rappreżentanti tal-Parlament Ewropew b'vot dirett universali għandu jkun mit-23 sas-26 ta' Mejju 2019 għad-disa' elezzjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, [...].

Għall-Kunsill

Il-President
